MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2004

Numru 4/2004

**Il-Pulizija**
**(Spet. Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**Salvatore k/a Salvu Debono**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Salvatore k/a Salvu Debono**, ta' 38 sena, iben Charles u Lorenza xebba Schembri, imwieled Luqa nhar 10 ta' Dicembru, 1964 u residenti 235, Carmel Street, Luqa, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 6465(M) u nakkuzawh:

1. Talli fl-20 ta' Settembru 2003 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer sraqt senter tal-marka Benelli

b’numru ta’ serje 146964 li jiswa aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100) pero’ anqas minn elf Lira Maltin (Lm1.000) ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

2. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement ilqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indhalt biex tmexxihom.

3. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellek fil-pussess jew kontroll tieghek, jew kellek f’idejk jew fuqek, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur that l-artikolu 3 tal-Kap 66, inqast lit hares il-kondizzjoniet imsemmija f’dik il-licenza , jew li jkollok ghandek jew ikollok f’idejk jew fuqek arma tan-nar jew munizzjon li ma jkunux imsemmija f’dik il-licenza, inkella b’licenza taht l-artikolu 13, kellek f’idejk jew fuqek sikkina jew strument ta’ xorta li ma kienitx dik imsemmija fil-licenza.

5. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gejt fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Benelli b’numru ta’ serje imhassar jew munizzjon, xort’ohra milli b’licenza, u minnufih inqast taghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna lit kun tat dak l-avviz.

6. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek xi arma tan-nar li kienet ikkargata b’aktar minn 3 skratac.

7. Talli fl-istess data, lok, cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek xi ghasafar, hajjin, jew mejtin, jew parti minn ghasafar, jekk ma kienux xi ghasafar inkluzi fl-Iskedi I, II jew II li jinsabu mar-Regolamenti ta’ A.L. 146 ta’ 1993 kemm-il darba ma ippruvajtx li dawk l-ghasafar, jew parti minnhom kienu importanti b’mod legittimu jew li kienu

imrobbija fil-maqful jew li kienu registrati mad-Direttur skond il-paragrafu (6) tar-regolamenti 17 ta' A.L 146 ta' 1993 kif sussegwentement emendat.

8. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kif ukoll fil-perjodu qabel din id-data ghamilt reat kontra xi regolament iehor mhux imsemmi fil-paragrafu (2) ta' dan ir-Regolament, liema reat jinvolvi ghasfur jew ghasafar inkluzi fi Skeda VII li tinsab mar-Regolamenti.

9. Talli inti sirt recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 24 ta' Settembru 1998 (Awla 14) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-22 ta' Marzu, 2003 skond l-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja. Rat ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura skond il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Frar, 2004.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza sabiex taccerta ruhha illi l-ammissjoni hija ghall-akkuzi kif dedotti kontra l-akkuzat.

Fuq ammissjoni ssibu hati .

Rat l-art. 261 (c), 267, 279, 334 Kap 9, 3(1) 1A, 9 Kap 65, 9(5), 17, skeda 1, 11 u 111 u AL 24, AL 146/1993, 49 u 50 Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputat fejn jirrizulta illi ma jistax jibbenfika mid-disposizzjonijiet tal-Kap 446 u anqas dawk tal-art 28 A tal-Kap 9. Ghalhekk tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' hames (5) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------